MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 145/2000/1

**Axel Johnson International AB, rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**Vs**

**Aluminium Extrusions Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rikors ta' Axel Johnson International AB**

Illi permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tat-3 ta' Novembru 1993, s-socjeta' intimata kkostitwiet ruha veru, cert u likwidu debitur fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' miljun, tmien mija u tlieta u hamsin

elf u mitejn u tnejn u disghin elf dollaru amerikan (US$1,853,292.00) oltre l-imghax dovut sal-pagament effettiv. Dan id-debitu rega' gie rikonoxxut fi skrittura sussegwenti tat-30 ta' Novembru 1993 u f'sensiela ta' kambjalijiet datati 2 ta' Dicembru 1993, liema dokumenti qeghdin jigu esebiti u markati rispettivament bhala dokumenti "A", "B", u "C";

Illi mid-data tal-imsemmija kuntratti saru xi pagamenti akkont mill-garanti ta' dan id-dejn u xi pagamenti zghar ohra mis-socjeta' intimata, liema pagamenti gew effettivament debitati akkont tal-interessi li lahqu mmaturaw b'dan illi kif jidher mill-anness prospett markat bhala dokument "D", sat-30 ta' April 1999, l-ammont dovut mis-socjeta' intimata kien jammonta ghal-zewg miljuni tlett mija u hamsin elf u mitejn u sbatax il-dollaru amerikan (US$2,350,217). Mid-data tal-imsemmi prospett irid jizdied l-imghax u jigi debitat pagament ta' hmistax-il elf lira (Lm 15,000) li sar f'Jannar ta' din is-sena.

Illi s-socjeta' intimata kienet giet interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovut permezz ta' ittra ufficjali tas-17 ta Mejju 1996 izda xorta baqghet inadempjenti ; kopja legali ta' din l-ittra qeghda tigi annessa u markata bhala dokument "E".

Illi matul l-ahhar snin saru diversi inkontri bejn il-kontendenti sabiex jinsab mezz ta' kif jista' jigi saldat il-kreditu tas-socjeta' rikorrenti izda minkejja diversi tentattivi u propposti da parti tas-socjeta' intimata, ma sar ebda zvilupp sostanzjali fil-qaghda finanzjarja taghha;

Illi di piu jidher illi s-socjeta' intimata ghandha debiti ohra sostanzjali fil-konfront ta' kredituri ohrajn kif jista' jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk huwa evidenti illi s-socjeta' ntimata m'hijiex f'qaghda li thallas il-kreditu taghha u in vista tad-debitu sostanzjali li ghandha fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti, jidher car illi s-socjeta' intimata fic-cirkostanzi attwali mhijiex ser tkun f'qaghda li thallas ebda pagament akkont tad-djun li ghandha;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ intimata Aluminium Extrusions Limited mhijiex f’qaghda li thallas d-djun taghha u konsegwentement tordna ix-xjoliment u stralc konsegwenzjali tal-istess socjeta’ intimata a tenur tal-artikolu 214 (2) (A) (i) (ii) tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji.

2. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenut

1. Preliminarjament l-artikolu 214 (2) (a) (i) tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji mhix applikabbli peress illi l-kumpanija intimata qadt ma ssospendiet ix-xoghol taghha.
2. Preliminarjament ukoll lanqas hu applikabbli is-sub-inciz 2 (a) (ii) tal-preditat artikolu peress illi l-esponenti tista thallas id-dejn taghha.
3. F’kull kaz u bla pregudizzju ghas-suespost a tenur tal-Artikolu 214 (5) (b) irid jigi pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi s-socjeta’ ma tistax thallas id-djun taghha wara illi tqis il-passiv kontingenti u prospetti tal-kumpanija.
4. Illi per konsegwenza id-domandi tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu respinti.
5. Illi fil-meritu il-komputazzjonijiet maghmula mis-socjeta’ rikorrenti huma inveridici billi l-ammont talvolta dovut lilha jammonta ghal miljun seba mija u tlieta u sebghin elf mitejn u disgha u tmenin dollaru amerikan (US$ 1773289) skond l-anness dokument “E” minn fejn jirrizulta illi kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat s-socjeta’ esponenti ghamlet pagamenti sostanzjali.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw ir-rikors;

Rat ir-rikors tal-21 ta’ Frar 2003;

**PROVI**

Dr. .L. Cassar Pullicino xehed li kien sar kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fit-3 ta’ Novembru, 1993 li permess tieghu l-intimati accettaw li kellhom ihallsu US$1,853,292 oltre l-imghax bis 7 ½ %. Fit-30 ta’ Novembru, imbaghad saret skrittura ohra li permezz taghha l-istess kreditu gie garantit solidalment min John, Charles u Raymond Borg sa l-ammont ta’ massimu ta’ US$ 500,000 fil waqt li J.B.Holdings Ltd ikkostitwiet ruhha garanti solidali ghall-ammont intier. Kienu gew iffirmati serje ta’ kambjali biex ikopru dana l-ammont. L-intimati ma kienux regolari fil-pagamenti mensili u hu kien avvicinahom biex jirrimedjaw il-posizzjoni. Sa l-ahhar tal-1994 il-posizzjoni baqghet ma tbiddlitx.

Fil-1994 thallset biss is-somma ta’ US$ 247,594.75 mis somma progettata ta’ US$ 479,999.

Fil-1995 sar pagament biss ta’ Lm15,000 jew US$ 43,821.35 (ara prospett Dok D a fol 34 et seq).

Fil-1996 thallsu biss US$ 30,000.

Sa l-ahhar tal-1996 kien skada il-perjodu ta’ sentejn li fih kellu jithallas id-dejn kollu skond il-kuntratti. Il-pagamenti akkont kienu biss pagamenti akkont ta’ l-imghax akkumulat u ma kienx qed jidher ebda sinjal illi l-intimati kienu ser ikunu f’qaghda li jhallsu d-dejn.

Fil-1997 kienet inbieghet xi proprjeta’ ta’ John Borg wiehed mill-garanti u saru xi pagamenti. Dawn il-pagamenti ukoll kienu biss pagamenti akkont ta’ l-imghax akkumulat.

Fil-1998 thallset biss is-somma ta’ Lm26,500 f’Marzu u bejn Mejju u Dicembru thallsu biss Lm17,000.

Fil-1999 thallsu biss Lm5,000.

Fil-2000 kien irceva Lm20,000.

Hu ma jaqbilx li r-rikorrenti ghandhom jiehdu US$ 1,773.289.

Irid jinhadem l-imghax pattwit bejn il-partijiet.

**Dr. Ray Borg** xehed li huma sabu ruhhom f'diffikultajiet finanzjarji meta saret bidla fil-politika tar-rikorrenti u tnehhilhom il-*credit terms* li kellhom qabel. Huma kienu jaghmlu pagamenti akkont u mhux qed ighidu li m'ghandhomx jaghtu izda qed jipprovaw isibu kompromess fuq l-ammont li ghandu jithallas u l-modalita' ta' dan il-pagament.

**Charles Borg** esebixxa lista tal-kredituri sal-1999 fol. 184 et seq; l-ahhar tlett *audited accounts* sa fejn kienu lesti; u lista ta' l-*assets* tal-kumpanija Dok fol. 182. li hi maghmula internament.
Fejn hemm kredituri fl-ammont ta' Lm913,510 dawn huma minghajr interessi. Dan anke dawk fid-dok a fol. 182 huma minghajr interessi.
Minn 1994 il quddiem ma sarux *audited accounts* u lanqas saru *general meetings* tal-kumpanija.
Fil-lista tal *fixed assets* id-*depreciation* mhiex imsemmija. L-assi jkopru makkinarju u *installations*. Bhalissa l-kumpanija ghanda xi 55/60 persuna.

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li huma ghandhom kreditu kriztallizzat u titolu esekuttiv favurihom. Kienu saru negozjati bejn il-partijiet fuq medda ta' disa' snin izda d-debitu baqa' ma thallasx u s-socjeta intimata 'llum tinsab f'qaghda finanzjarja prekarja u mhiex f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u dawk tas-socjeta' rikorrenti u l-passiv tal-kumpanija ntimata jeccedi bil-wisq l-attiv.

Minn naha l-ohra l-intimati qed jissottomettu li m'hemmx elementi bizzejjed, m'hemmx dokumentazzjoni u lanqas prova minn naha tar-rikorrenti li effettivament is-socjeta' intimata waslet f'dak l-istat illi qed jippretendu r-rikorrenti. Ghalhekk jekk ma hemmx idea ta' x'inhuma l-*assets* tal-kumpanija lanqas wiehed ma jista' jkollu idea ta' x'inhi l-*cash flow* tal-kumpanija. Fl-ahharnett l-intimati ssottomettew li l-Qorti trid tara x'inhuma c-*chances* ta' dina l-kumpanija.

**LIGI**

*Section 214 (1) (a) : A company **may** be dissolved and wound up by the court in the following cases -*
(i) *if the business of the company is suspended for an uninterrupted period of twelve months;*
(ii) *the company is unable to pay its debts;*

(5) *For the purposes of sub-paragraph (ii) of paragraph (a) of sub article (2), a company shall be deemed to be unable to pay its debts -*
*(b) if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company.*

Hu car mill-Ligi li taht is-subartikolu 214(1)(a) il-Qorti "*may" exercise its discretion in determining whether dissolution and winding up should occur*. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpanija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li dina tigi *wound up* jew jekk ghad hemmx il-possibilita' li l-kumpanija tista' terga topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-Ligi tghid li l-kumpanija tigi likwidata *if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company*. Din ta' l-ahhar kondizzjoni tista tigi verifikata permezz tal *balance sheets* wara li jigi kunsidrat jekk l-*assets are less than its liabilities.* Izda "*it is not sufficient for the company to be able to meet its current obbligations*

*if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period* (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpanija tbiegh l-*assets* taghha biex forsi xi darba jithallsu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti qed jghidu li huma ghandhom jiehdu minghand is-socjeta' intimata s-somma ta' US$1,853,292. L-intimati mhux qed jaqblu fuq il-figura ezatta u qed isostnu li ghandhom jaghtu US$1,773,289.11 (ara prospett a fol. 48). Fl-affidavit ta' Dr. L. Cassar Pullicino gie spjegat ghaliex hemm dina d-differenza, kemm minhabba l-imghax kif ukoll minhabba l-kambju.

Imma ai fini tat-talbiet tar-rikorrenti dina d-diskrepanza, jekk verament tezisti, ma taghmilx differenza, billi r-rikorrenti jsostnu li l-intimati huma f'qaghad finanzarja gravi u ma jistghux ihallsu d-djun taghhom.

L-intimati mhux qed jikkontestaw li huma ghandhom jaghtu lir-rikorrenti izda kif qalu fl-affidavit taghhom qed jipprovaw isibu kompromess fuq l-ammont li ghandu jithallas u l-modalita' ta' dan il-pagament.

Ir-rikorrenti spejgaw li huma ilhom is-snin jipprovaw isibu soluzzjoni, u taw lill intimati hafna opportunitajiet biex ihallsu izda minkejja d-diversi promessi, huma ma waslux. Dr. Cassar Pullicino spjega fid-dettal it-trattattivi li saru fl-affidavit tieghu, u kif saru l-pagamenti, u li s'issa dawn ikopru biss l-imghax.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kumpanija ghandha diversi kredituri f'sommom sostanzjali (ara dok a fol 184 et seq). L-intimati pproducew din il-lista ta' kredituri  izda jidher li dina l-lista hija biss approssimattiva billi l-figuri m'humiex ezatti u lanqas ma jinkludu l-imghax akkumulat. Fil-fatt, per ezempju, kwantu dak li jirrigwarda d-debitu dovut lir-

rikorrenti, l-figura ma tinkludiex imghax. Hemm ukoll *loans* dovuti lill banek li fuqhom hemm diversi ipoteki u li wkoll ma jinkludux imghax.

Fil-lista ta' *fixed assets* ma ittiehdx in konsiderazzjoni d-*depreciation*.

Kwantu ghal *assets* u *liabilities* tal-kumpanija Charles Borg xehed li minn 1994 il quddiem ma hemmx *audited accounts* u *general meetings* tal-kumpanija ilhom ma jsiru.

Hu obbligu ta' kull kumpanija registrata Malta li jkollha l-*audited accounts* u ghalhekk l-intimati ma jistghux jippretendu li dana n-nuqqas taghhom jahdem favur taghhom jew jippretendu li l-Qorti taghmel l-*audited accounts* taghhom hija. Ir-rikors gie prezentat fit-2000 u ghalhekk jirrizulta li f'dik is-sena l-intimati zgur li, biss biss, kellhom jaghtu lir-rikorrenti wahedhom US 1,853,292. Dan apparti l-lista tal-kredituri ezibita mill-istess Charles Borg fejn hemm passiv ta' Lm4.8 million minghajr interessi. Ghalhekk il-passiv tal-kumpanija jizboq bil-bosta l-attiv ta' xi 1.8 miljun.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-intimati m'humiex f'posizzjoni li jhallsu d-djun taghhom.

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-intimati (ara rikors ta' J. B.Holdings Ltd tal 21 ta' Frar 2003 biex tidhol in statu et terminis) li J. B. Holdings hi f'posizzjoni li bhala garanti tkopri dak li huwa verament dovut lir-rikorrenti, l-Qorti tirrileva li ma hemm xejn x'izomm lill J. B. Holdings milli thallas, izda kif hemm indikat fir-rikors taghha hi lesta li thallas biss parti u mhux tkopri dak li hu dovut. Inoltre kif osservaw ir-rikorrenti, tant m'ghandiex intenzjoni li thallas, li J. B. Holdings qed tikkontesta l-kawza li r-rikorrenti ghamluha. Citaz 1178/00.

In vista tad-decizjoni tal- lum ir-rikors tal 21 ta' Frar 2003 qed jigi michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara illi s-socjeta' intimata mhiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ghalhekk tordna x-xoljiment u stralc taghha a tenur ta' l-artikolu 214(2)(A) (I)(ii) tal-Att XXV tan 1995 dwar il-Kumpaniji;

Tahtar l-istralcjarju Steve Cachia biex jikkonduci l-istralc skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV tan 1995.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------